

# Il-Knisja ta' Santa Marija f'Ħal Balzan

*Mario Fenech*



Fir-raħal ta' Ħal-Balzan il-Kult Marjan imur lura sew fl-istorja tar-raħal tant li nafu li l-ewwel knejjes żgħar li kienu nbnew ġew iddedikati lill-Madonna. Dawn kienu l-Lunzjata l-qadima li aktar tard kienet saret l-ewwel knisja parrokkjali tar-raħal, u knisja żgħira fil-parti ta' fuq tar-raħal li kienet ddedikata lil Maria Assunta.

B'xorti tajba l-knisja parrokkjali l-qadima għadha wieqfa u tinsab fi stat tajjeb ħafna. Il-Knisja l-qadima ta' Santa Marija ġiet mibnija mill-ġdid darbtejn qabel ma nbniet kif nafuha llum.

Ta' min jgħid li dak iż-żmien ħafna mill-knejjes żgħar li kienu jinbnew kienu jiġu ddedikati lill- Madonna b'titli differenti. L-aktar komuni jkun dak ta' Santa Marija tal-15 ta' Awwissu.

Din il-knisja l-ġdida tissemma fir-rapport tal-Vista Pastorali li kien għamel fir-raħal l-Isqof Cagliares nhar it-28 ta' Novembru 1615. Dakinhar huwa sab li l-Viċi Parroku ta' Birkirkara kien imur Ħal Balzan fil-Ħdud u l-festi kmandati biex iqaddes darba fil-Knisja tal-Lunzjata u darba fil-Knisja ta' Santa Marija.

Aktar tard matul il-mixja tas-snin meta l-Poplu ta' Ħal-Balzan kien ressaq it-Talba tiegħu quddiem l-Awtoritajiet Ekkleżjastici biex ir-raħal isir Parroċċa permezz ta' Rikors ufficċjali fl-1633, kien hemm nies li ħallew legati lill-Knisja tal-Lunzjata l-qadima kif ukoll lill-Knisja ta' Santa Marija.

Kien hemm żmien li matulu din il-Knisja kienet ġiet ittraskurata xi ftit, u għal daqstant ġiet ipprofanata. Kienet fi stat ħażin ħafna tant li nbniet mill-ġdid u tbierket mill-Kappillan Dun Dumink Ellul nhar l-10 ta' Marzu 1675. Jistà jkun li dan iż-żmien ta' telqa kien għadda minn fuq il-knisja minħabba l-fatt li l'knisja tal-Lunzjata kienet saret Knisja parrokkjali.

Din il-knisja damet tintuża sas-sena 1846 sakemm bil-ħidma ta' Dun Salv Sammut ġiet mibnija kif inhi llum. Tbierket mill-Kappillan Borg ta' Ħal Balzan, f'Settembru tas-sena 1846 u b'rikonoxximent għall-ħidma b'risq din il-knisja, Dun Salv Borg ġie midfun fiha.

Quddiem din il-knisja hemm statwa sabiħa ta' Santa Marija fuq kolonna tal-ġebel u pedistall skolpit b'sengħa kbira. L-iskultur li ħadem din l-istatwa kien il-magħruf Ċensu Dimech. Saret fis-sena 1837 wara wegħda li kienet saret għall- ħelsien mill-pesta tas- sena 1837.



Fil-preżent din il-knisja qiegħda tintuża għall- Adorazzjoni tas-Ssmu. Sagrament. Bdiet tintuża minn nhar il-Festa tal-Qalb ta' Ġesù ta' nhar il-Ġimgħa 18 ta' Ġunju 2004, wara li l-Eċċ. Tiegħu Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca mexxa purċissjoni li kienet saret mill-Knisja Parrokkjali tal-Lunzjata lejn din il-knisja.

Knisja oħra li turi l-imħabba li minn dejjem kellu l-poplu Malti lejn Ommna Marija Assunta.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.

